12 ta' Mejju, 1950.

**Imħallfin:**

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Nutar Dr. Rosario Frendo Randon**

*versus*

**Onor. Dr. Louis Galea ne.**

**Boll — Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili — Nutar — Kummissarju tat-Taxxi Interni.**

***Meta bejn in-Nutar li jkun ser jippubblika att u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ikun hemm kwistjoni dwar liema ammont ta' bolli għandu jitwaħħal fuq dak l-att, li fiha ma jaqblux, u bejniethom isir ftehim fis-sens illi l-att jiġi pubblikat bir-riżerva illi jekk jirriżulta dovut dritt akbar minn dak imħallas fuq l-att, il-Kummissarju tat-Taxxi jkollu dritt għad-differenza, kif ikun tenut jirrifondi l-eċċess jekk jirriżulta dovut dritt anqas, ma jistax jingħad li l-att ma ġiex sufficjentement bollat; u għalhekk dak in-Nutar ma għandux jiġi kundannat għal penali talli ppubblika dak l-att.***

Il-Qorti, — Rat ir-rikors tan-Nutar Dottor Rosario Frendo Randon, li wara li espona illi huwa, b'digriet profferit mill-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili fil-21 ta' Ottubru 1949, ġie kundannat għall-penali ta' £2, u ġie lilu ordnat li jħallas lill-"Commissioner of Inland Revenue", is-somma ta' £60 boll (oltre dak li ġà ħallas) fuq l-att numru 172 minnu riċevut fl-14 ta' Diċembru 1948, li in vigor tiegħu "Scicluna's Bank" ġie trasferit a favur in-National Bank of Malta versu l-korrispettiv ta' sitt mitt azzjoni (600 shares) fin-National Bank of Malta, għaliex l-istess Qorti kkunsidrat illi l-att għandu jiġi bullat "ad valorem" doppjament, u ċjoè tant fuq il-valur ta' l-azjenda bankarja trasferita kemm fuq il-valur tal-korrispettiv; li in raġuni tal-boll tiegħu l-esponent ħallas £900 a tenur ta' l-art. 57 ta' l-istess liġi tal-boll; u

li l-Ordinanza XVIII ta' l-1918 — Chapter VI, Sales and other Transfers — espressament iffissat id-dritt tal-boll "ad valorem" fuq it-trasferiment in raġuni tal-korrispettiv (art. 57), u fil-każ sotto eżami l-korrispettiv huma x-"shares" li l-boll fuqhom ġie mħallas; *infatti l-appellant ħallas £900. 1. 0,* dritt tal-boll; tant huwa veru li huwa hekk, li l-konswetudini tikkonferma dan. Infatti fil-permuti ta' l-immobili jiġi bollat l-istabili li għandu "maggior valore", u mhux it-tnejn; u l-istess prinċipju ġie dejjem osservat f'ċessjoni ta' krediti;

U illi l-liġi tal-boll patrija hija tratta mill-Liġi Ingliża (Stamp Act 1891, kif emendat suċċessivament), u Highmore, fil-komment tiegħu fuq l-istess liġi (Ediz. 1902), josserva, f'pagina 128:— "An instrument entered into in pursuance of an agreement whereby a *share-holder in a company* transferred his shares in that company to another company in exchange for shares in the latter company, is a conveyance or transfer on sale within the meaning of this section (54) and section 55, and the instrument is chargeable with ad valorem duty on the value of the shares given in exchange". Dana l-awtur iċċita in sostenn ta' dan deċiżjoni tal-Queen's Bench konfermata mill-appell. Section 55 (1) hija s-segwenti:— "Where the consideration, or any part of the consideration, for a conveyance on sale consists of any stock or marketable security, the conveyance is to be charged with ad valorem duty in respect of the value of the stock or security". L-istess Highmore f'paġina 132 (op. ċit.) jafferma illi l-valur korrenti tal-korrispettiv huwa suġġett, u jiċċita l-imsemmija żewġ sentenzi u deċiżjoni oħra;

Talab li tiġi revokata d-deċiżjoni tal-Qorti Kolleġjali tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili tal-21 ta' Ottubru 1949, fuq imsemmija, u li jiġi deċiż illi huwa ma hux passibili ta' l-ebda multa u lanqas għall-pagament ta' ebda somma għal supplement ta' bolli, billi ebda supplement ma huwa dovut;

*Omissis:*

Ikkunsidrat;

Illi bl-imsemmija sentenza, mogħtija mill-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili fil-21 ta' Ottubru 1949 (fol. 4), l-appellant Nutar Frendo Randon ġie kundannat għal multa

ta' £2, u ġie lilu ordnat biex fi żmien erbat ijiem iħallas lill-Kollettur tat-Taxxi Interni s-somma ta' £60 fuq il-Kwota li ma ġietx imħallsa meta sar l-att imsemmi fir-rikors ta' l-appell. Kwantu għal din l-aħħar kundanna għall-ħlas ta' £60, l-appell għandu jiġi milqugħ, billi, kif ġie rilevat fis-sentenza l-oħra mogħtija l-lum fuq ir-rikors fl-ismijiet maqlubin, l-appellant mhux tenut iħallas "de proprio" dik is-somma, għaliex ma jikkonkorrux l-elementi stabbiliti mill-art. 14 tal-Kap. 68. Anki l-appellat Dr. Galea nomine irrikonoxxa li n-Nutar Frendo Randon mhux tenut għal dak il-ħlas, kif jidher mill-verbal meħud fis-27 ta' Frar 1950, fl-atti ta' l-imsemmi rikors iehor fl-ismijiet maqlubin, maqtugħ il-lum;

Illi kwantu għall-kundanna ta' l-appellant għal multa ta' £2, irriżulta mix-xhieda ta' l-istess appellant (fol. 16) u mill-verbal tas-seduta tas-27 ta' Frar 1950 (fol. 13), li qabel ma ġie publikat l-att imsemmi fir-rikors ta' l-appell, il-minuta relativa ġiet sottomessa lill-Commissioner of Inland Revenue. Waqt l-eżami ta' dik il-minuta nqalgħet il-kwistjoni fuq liema dispożizzjonijiet tal-liġi kellu jiġi taxxat u jitħallas id-dritt tal-boll. Billi l-appellant u l-Commissioner of Inland Revenue ma setgħux jaqblu fuq hekk, sar bejniethom ftehim bil-miktub fis-sens illi kellha ssir il-publikazzjoni ta' l-att, li kwantu għall-boll ġie ntaxxat £901. 1. 0, bil-kondizzjoni jew riżerva li jekk jirriżulta dovut dritt aħbar, kellha titħallas lill-Commissioner of Inland Revenue d-differenza, u jekk dak id-dritt jirriżulta li kellu jkun anqas, l-eċċess imħallas jiġi restitwit mill-istess Commissioner. Imħabba dak il-ftehim, rikonoxxut mill-appellat bl-imsemmi verbal tas-17 ta' April 1950 (fol. 13), l-att fuq imsemmi, riċevut mill-appellant fl-14 ta' Diċembru 1948, ma għandux jiġi ritenut bħala mhux bollat biżżejjed għall-finijiet ta' l-art. 32 ta' l-imsemmi Kap. 68. Infatti, minħabba l-permess lilu mogħti biex jippublika dak l-att, u minħabba l-ftehim fuq imsemmi, l-appellant ma setax jiġi kundannat għall-ħlas ta' penali għarraġuni li dak l-att ma kienx sufficjentement bollat. La darba saret ir-riżerva għall-istabbiliment jew fissazzjoni tad-dritt tal-boll realment dovut, min kellu interess messu ġieb il-kwistjoni quddiem it-tribunal kompetenti in kontestazzjoni tal-

partijiet li ħadu sehem fil-kuntratt fuq imsemmi, skond il-proċedura stabbilita mill-art. 20 (1) tal-Kap. 68. L-istess appellat fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu (fol. 21) jammetti li l-Commissioner of Inland Revenue, "biex jaġevola l-publikazzjoni ta' l-att, aċċetta li l-kwistjoni tibqa' miftuħa biex tiġi deċiża mill-Qorti kompetenti"; u sakemm dik il-kwistjoni kienet għadha miftuħa, u t-tribunal kompetenti kien għadu ma ppronunzjax ruħu, ebda bdil fid-dritt tal-boll dovut ma kelu jsir minħabba l-ftehim fuq imsemmi. Għal-hekk l-appellant Nutar Frendo Randon ma jistax jiġi ritenut inadempjenti għall-finijiet ta' l-imsemmi art. 32 tal-Kap. 68; u l-appell tiegħu, anki rigward il-kundanna għall-multa ta' £2, għandu jiġi milqugħ;

Ikkunsidrat;

Illi l-kwistjoni ta' l-ammont dovut għad-dritt tal-boll fuq l-att imsemmi fir-rikors tibqa' impreġudikata biex titressaq quddiem it-tribunal kompetenti bil-benefiċċju tad-doppju eżami, jiġifieri dak ta' l-ewwel u tat-tieni istanza, kif jixraq għal kwistjoni simili ta' importanza rilevanti;

Għar-raġuni fuq miġjuba;

Tilqa' l-appell tan-Nutar Frendo Randon, billi tirrevoka d-deċiżjoni mogħtija fil-21 ta' Ottubru 1949 mill-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili, fis-sens li tilliberah mill-multa ta' £2 li ġiet lilu inflitta b'dik id-deċiżjoni, u li tiddikjara li mhux huwa l-persuna tenuta skond il-liġi għall-ħlas ta' kwalunkwe supplement tà' dritt tal-boll pretiż mill-appellat Dottor Galea nomine għall-att imsemmi fir-rikors; u għal-hekk tilliberah mill-kundanna relativa kontra tiegħu mogħtija mill-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Notarili; b'riżerva favur l-istess Dottor Galea nomine għar-reklam ta' dak is-supplement kontra min jista' jkun tenut, u jekk skond il-lġi;

L-ispejjeż, minħabba n-novità tal-kwistjoni involuta, ma għandhomx jiġu taxxati bejn il-kontendenti, bid-dritt tar-reġistru kontra l-appellat Dottor Galea nomine.